MALTA

# QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)
# BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI

**MAĠISTRAT DR.**
**MIRIAM HAYMAN**

Seduta tat-28 ta' Frar, 2003

**FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT DR MIRIAM HAYMAN LL. D.**

**Kumpilazzjoni Nru. 686/01**

**Illum 28   ta' Frar, 2003.**

**Il-Pulizija**
**(Sp. Silvio Valletta)**

**vs**

**Keith Gauci ta' 25 sena, iben Anthony**
**U Bernardette xebba Camilleri mwieled San Giljan,**

**nhar is-27 ta’ Ottubru, 1975, u joqghod ‘Sayonara’, Triq il-Kahwila, Sta. Lucia, detentur tal-karta ta’ l-identita’ bin-numru 511375 (M).**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza kontra l-hawn fuq imsemmi Keith Gauci li gie akkuzat talli fil-11 ta’ Settembru, 2001 f’xi hin filghodu, ikkommetta serq ta’ flus minn fond “Opus” sitwat fi Triq il-Fortizza, liema serq hu kwalifikat bil-valur li jeccedi l-Lm 100 (mitt lira) izda anqas minn Lm 1000 (elf lira Maltin), u lok, u li sar ghad-detriment ta’ Jeremy Guillaumier.

Rat il-kunsens ta’ l-Avukat Generali ghal proceduri sommarji.

Rat li l-imputat ma kellu ebda oggezzjoni ghal tali proceduri.

Fuq ammissjoni ssibu hati wara li rat l-art 261, 267, 269, 279, 280 tal-kap 9.

Rat il-fedina penali ta’ l-akkuzat.

Rat ukoll il-verbal ta’ l-Ufficjal Prosekutur fejn gie verbalizzat li l-akkuzat irritorna ir-res furtiva lid-derubat kif ukoll l-ammissjoni ta’ l-akkuzat, it-tnejn wara l-qari ta’ l-akkuza.

Rat l-Art 28 A tal-Kap 9 u tikkundannah ghal sentejn habs sospizi ghal erba’ snin.

Tqeghdu taht ordni ta’ supervizjoni ghal zmien sentejn. Tahtar ghal dan l-iskop lil Carmen Borg taht dawk il-kundizzjonijiet infraskritti ma’ l-Ordni ta’ Supervizjoni hawn annessa.

Magistrat Dr Miriam Hayman LL. D,

**FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA’ GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT DR MIRIAM HAYMAN LL. D.**

**Kumpilazzjoni Nru. 686/01**

**Il-Pulizija**
**(Sp. Silvio Valletta)**

**vs**

**Keith Gauci ta’ 25 sena, iben Anthony U Bernardette xebba Camilleri mwieled San Giljan, nhar is-27 ta’ Ottubru, 1975, u joqghod ‘Sayonara’, Triq il-Kahwila, Sta. Lucia, detentur tal-karta ta’ l-identita’ bin-numru 511375 (M).**

**Illum 28 ta’ Frar, 2003.**

**Ordni ta’ Supervizjoni**

Keith Gauci ghandu joqghod taht id-direttivi ta’ Carmen Borg, ghandu jaghmel assessment sabiex jibda programm ma’ l-Agenzija li tiddeciedi li hi ahjar ghalih, ghandhom isirulu urine tests frekwenti, ghandu jsir rapport bil-miktub li kopja tieghu tintbaghat lilu kull 8 gimghat, ghandu javza lil Carmen Borg immedjatament f’kaz ta’ bdil ta’ l-indirizz.

--------------------------------TMIEM-------------------------------